# QORTI TA' L-APPELL

**(APPELL MIT-TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR)**

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist. S.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 18 ta' Jannar, 2002**

**Numru**

**Avviz Nru. 1882/00 JR**

**Reno Agius**

**vs**

**Raymond Debattista**

**Il-Qorti,**

**<u>PRELIMINARI</u>**

**<u>L-Avviz promotorju</u>**

1. L-attur appellant ipprezenta avviz fejn talab il-hlas ta' tlieta u disghin lira Maltin u hames centezmi (Lm93.05) rapprezentanti din is-somma danni sofferta mill-attur kawza tal-hamiem li qieghed irabbi l-konvenut.

**Ir-risposta ta' l-intimat**

2. L-appellat ipprezenta risposta fejn eccepixxa illi t-talbiet kontenuti fl-avviz huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-eccipjent m'huwiex responsabbli ghad-danni li allegatament sofra l-attur.

**Is-sentenza appellata**

3. It-Tribunal ghal Talbiet Zghar b'sentenza tieghu tad-9 ta' Marzu, 2001, fl-ismijiet premessi, cahad it-talba bl-ispejjez kontra l-appellant.

**L-appell ta' l-attur**

4. Illi l-attur hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell fuq l-aggravji segwenti:

> Illi ghandu jinghad mill-ewwel illi l-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fil-fatt illi t-Tribunal fis-sentenza tieghu b'mod gravi, mar kontra d-dettami ta' l-imparzjataliet u ta' l-ekwita' skond il-ligi u kif kontemplat fl-artikolu 8(1) (d) ta' l-Att V ta' l-1995.
>
> Illi ghandu jinghad illi f'dawn it-Tribunali dahal il-kuncett ta' ekwita'. Pero' x'inhi d-definizzjoni legali ta' x'inhi ekwita' mhux daqstant car. Gie per ezempju stabbilit fil-kawza fl-ismijiet "Stephen Chetcuti et vs. Cycle World Limited", deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Jannar, 2001, illi qatt ma jista' jkollok ekwita'

jekk id-decizjoni tat-Tribunal ma tkunx konformi mad-dettami tal-ligi. Issa f'dan il-kaz ser jinghad li wkoll l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal ma kienx konformi ma' principji bazilari tal-ligi. Il-principju bazilari in dizamina huwa li l-gudikant hu marbut li jiggudika fuq il-provi prodotti quddiemu u mhux fuq supposizzjonijiet. Quod non est in acti non est in mundi. Jekk wiehed jezamina l-osservazzjonijiet tat-Tribunal fi klawsola 5 isib li d-diffikulta' tat-Tribunal kienet, skond l-istess Tribunal il-prezenza ta' hafna hamiem salvagg.

Illi dan huwa l-izball li ghamel it-Tribunal, li pprezuma stat ta' fatt li ma jirrizultax mill-atti u ghalhekk meta ghamel dan ghamel nuqqas serju kontra l-principju ta' ekwita' ghax persuna tista' tillimita biss is-sottomissjonijiet taghha fuq il-provi li jkunu hemm u taht l-ebda cirkostanza ma jista' qatt ikun ekwu li tippretendi mod iehor.

Il-hamiem salvagg issemma biss mill-istess attur li qal li fl-ahhar sitt xhur beda jitfacca hamiem salvagg. Naturalment ried jispjega, haga li naqas li jaghmel, li dawn jigu attirati mill-prezenza ta' hamiem iehor.

Minn ezami pero' ta' l-ircevuti pprezentati ghandu jirrizulta indubbjament li d-danni sofferti mill-appellant a kawza tal-hamiem gew kawzati ferm qabel il-prezenza ta' dawn il-hamiem ulterjuri. Mela d-diffikulta' tat-Tribunal ma kellhiex tezisti ghax tenendo kont li f'dak il-perjodu kien hemm biss il-gar tieghu, il-konvenut li kellu dik il-kwantita' kbira ta' hamiem huwa wisq probabbli li kienu huma li kkawzaw id-danni, liema danni liema Tribunal wriet ruhha konvinta li gew kawzati minn hamiem. Bir-ragunar tat-Tribunal allura jekk f'Malta kollha hemm hafna hamiem, u huwa remotament possibbli li kumbinazzjoni ghaddew xi hamiem minn hdejh u hammgulu, allura r-responsabbilita' tal-konvenut ghandha tigi eskluza addirittura?

Ghalkemm fl-artikolu 9 (2) (b) ta' l-Att V tal-1995 hemm stipulat li l-Qorti mhix marbuta bir-regoli ta' l-ahjar prova dan ma jfissirx li t-Tribunal kien hieles mill-obbligu tieghu li jiddeciedi s-sentenza a bazi tal-grad ta' prova rikjesta mil-ligi, ossia fuq bazi ta' probabilitajiet. Jidher li t-Tribunal ippretenda prova oltre dan il-grad ta' prova mill-istess appellant. Meta ghalhekk it-Tribunal mexa b'dan il-mod mexa wkoll b'nuqqas ta' ekwita ghax ippretenda li l-esponent jipprova l-istanza tieghu oltre l-grad rikjest mil-ligi.

Ghaldaqstant l-appellant talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tad-9 ta' Marzu, 2001 fl-ismijiet premessi u konsegwentement tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut appellat.

**<u>Ir-risposta ta' l-appellat Raymond Debattista</u>**

5. L-appellat wiegeb hekk:

"Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

Illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar kien f'pozizzjoni li jisma' 'viva voce' l-provi u jevalwahom. Illi hawnhekk si tratta ta' appell fuq apprezzament ta' provi u din il-Qorti ta' revizjoni m'ghandhiex, hlief ghal ragunijiet eccezzjonali, li m'huwiex il-kaz in ezami, tissostitwixxi id-diskrezzjoni taghha dwar l-apprezzament tal-provi ghal dik tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Illi ma jirrizultax, kuntrarju ghal dak allegat fir-rikors ta' l-appell li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita' u ta' l-ekwita' skond il-ligi, u li l-jeddijiet ta' l-appellant gew b'xi mod pregudikati, hekk kif kontemplat fl-artikolu 8 (2)(d) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta (u mhux l-artikolu 8 (1)(d) kif erronjament espost fir-rikors appellanti), minhabba l-fatt li l-gudikant iggudika fuq supposizzjonijiet u mhux fuq il-provi prodotti.

Illi l-appellant jilmenta li t-Tribunal qed jipprezumi l-istat ta' fatt li fl-inhawi kien hemm hafna hamiem selvagg. Dan ma huwiex minnu peress li l-fatt li fl-inhawi kien hemm hafna hamiem selvagg gie stabbilit mix-xhieda ta' l-appellant kif ukoll ta' l-appellat. Huwa l-fatt li qed jikkontendi l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu li l-hamiem selvagg gie attirat mill-hamiem ta' l-appellat li huwa supposizzjoni u li ma jirrizultax mill-atti processwali.

Illi s-sottomissjonjiet fir-rikors ta' l-appell ta' l-appellant li d-danni sofferti minnu kagun tal-hamiem gew kawzati ferm qabel il-prezenza tal-hamiem selvagg fl-inhawi ma tirrizultax lanqas mill-provi.

Illi mill-provi ma rrizultax li l-hamiem li kien ibejjet fil-ventilatur ta' l-appellant u li l-hamiema mejta li nstabet gol-ventilatur tad-dar ta' l-appellant kienet ta' l-appellat. L-appellant ma rnexxielux u ma jista' qatt jikkontendi, fuq bazi ta' probabilita', li minn mijiet ta' hamiem selvagg fil-lokalita' in kwistjoni, kienet il-hamiema ta' l-appellat li bejjdet u mietet gol-ventilatur u li kkawzat id-danni. Kien l-istess appellant li xehed li ma kienx f'posizzjoni li jaghraf il-hamiem ta' l-appellat minn hamiem iehor. Tajjeb ukoll jigi rilevat dak li xehed il-konvenut appellat li lilu qatt ma kienu naqsulu hamiem.

Illi l-appellant jilmenta mill-fatti li t-Tribunal naqas li josserva l-oneru tal-grad ta' probabilita' rikjesta mil-ligi biex l-attur appellant seta' jissostanzja l-ilment tieghu. Dan hu ghal kollox infondat u ma jirriflettix b'mod veritier il-konkluzzjoni tat-Tribunal fis-sentenza tad-9 ta' Marzu, 2001, fejn it-Tribunal ikkonkluda li "Ghalhekk ma jidhirx pruvat illi l-hamiema mejta kienet tal-konvenut, kif allegat, u wisq anqas jirrizulta li kienu l-hamiem tal-konvenut li kkawzaw id-danni reklamati", kif ukoll li "Fic-cirkostanzi jidher li l-inkwiet kollu gej mill-hamiem selvagg". Ma jirrizultax dak li qed jesponi l-appellant, u cioe' li t-Tribunal ippretenda prova oltre l-grad ta' probabilita' mill-appellant.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet fuq esposti s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata bl-ispejjez kontra l-attur appellant".

## Is-sentenza ta' din il-Qorti

6. Skond l-appellant, it-Tribunal li ggudika t-talba "mar kontra d-dettami ta' imparzjalita' u ta' l-ekwita' skond il-ligi", u b'dan allura li "l-jeddijiet ta' l-appellant gew (b'xi mod) pregudikati.........." u dan bi ksur ta' l-artikolu 8 (2)(d) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Skond l-appellant, it-Tribunal ibbaza ruhu fuq fatti u provi prezunti u fuq suppozizzjonjiet. Dan ghaliex, skond hu, "it-Tribunal naqas li josserva l-oneru tal-grad ta' probabilita'........."

Illi jekk wiehed jezamina l-atti tal-kawza ma jsib xejn minn dak lamentat mill-appellant jew minn dak li tesigi l-ligi ghal fini ta' appell minn decizjoni moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

8. Jirrizulta li x-xhieda u l-provi f'din il-kawza nstemghu u gew ammessi skond kif titlob il-ligi. It-Tribunal evalwa l-istess provi u wasal ghal decizjoni motivata fuq il-fatti u provi hekk migjuba quddiemu**.** Issa, jekk l-attur appellant ma jaqbilx ma' tali evalwazzjoni – li bil-ligi tikkomprendi wkoll certa latitudini usa minn dak normali fil-qrati ordinarji tal-pajjiz ghax tammetti wkoll konsiderazzjonijiet fuq bazi ta' ekwita' – ma jfissirx li allura jissussisti dak il-pregudizzju komminat fl-Att V ta' l-1995.

9. Illi anke ghal dak li jirrigwarda fatti emergenti mill-provi, il-prezenza ta' hamiem selvagg fl-inhawi jissemma esplicitament. Anzi johrog mix-xhieda in kontro-ezami ta' l-appellant stess! Il-prova li l-hamiema li nstabet mejta fil-ventilatur ta' l-appellant kienet tappartjeni lill-konvenut kienet tinkombi fuq l-appellant – "incumbit ei qui dicit non ei qui negat". Il-konvenut inoltre cahad li l-hamiema de quo kienet tieghu. Hemm provi li din il-hamiema mejta ma kienetx ta' l-istess 'familja' ta' 'racing pigeons' li minnhom kellu l-konvenut – din kienet hamiema selvagga li bhalha jittajru fl-inhawi. F'kull kaz assolutament huwa ghal

kollox infondat li t-Tribunal strah fuq supposizzjonijiet li ma jemergux mill-provi. Dak li jirrizulta evidenti huwa, invece, li l-appellant ma qabilx mat-Tribunal mill-aspett interpretattiv izda dan l-aspett ma jistax jissarraf f'dak il-pregudizzju invokat mill-appellant. M'hemm xejn ghalhekk x'jindika li kellha tigi akkollta t-talba attrici. L-appell intavolat huwa wiehed frivolu ghax la jirrizulta li kien hemm xi strapp legali procedurali bhal ma jsemmi l-appellant u lanqas ksur ta' l-elementi li johorgu mill-aspett ta' ekwita'. Din il-Qorti, ghalhekk, m'ghandha l-ebda raguni l-ghala b'xi mod tiddisturba dik id-diskrezzjoni u evalwazzjoni gustament adoperata u applikata mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar biex waslet ghad-decizjoni taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tar-rikorrent attur appellant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Dep/Reg

mm